# Kunsill Reġjonali Lvant

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 12

## L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

It-Tlieta 18 ta' Ottubru, 2022

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

Il-President ippropona li qabel ma tibda l-laqgħa, il-membri għandhom jgħatu tislima lill-memorja tas-Sur Robert Arrigo. Il-President flimkien mal-membri tkelmu dwar is-Sur Arrigo u lkoll qablu li għandha tintbagħat ittra lill-familja tas-Sur Arrigo u wara għamlu minuta ta' silenzju.

*17:45pm – Il-Viċi Sindku ta' Pembroke, is-Sur Omar Elaref Arab, wasal għal din il-laqgħa.*

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva l-ebda ittra ta' apoloġija.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 11 li nżammet nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2022 kienu meħuda bħala moqrija.

12.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, sekondata mis-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech.

12.2.3 Il-President informa lill-membri li għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-accountant tar-Reġjun, is-Sa Romina Perici Ferrante sabiex jiġi ppreżentat il-Financial Quarterly Report għat-tielet kwart tas-sena 2022. Għal din ir-raġuni, huwa talab lill-membri sabiex jimxu għal *item* 12.5 li kienet fuq l-aġenda.

12.2.4 Il-membri qablu dwar dan, u għal din ir-raġuni, il-President talab lis-Sa Perici Ferrante tippreżenta r-rapport finanzjarju.

## 12.5 Rapporti

12.5.1 Is-Sra Perici Ferrante tat spjegazzjoni dettaljata fuq ir-rapport li kien intbagħat qabel ma nżammet din il-laqgħa għall-attenzjoni tal-membri preżenti.

12.5.2 Il-President talab lill-membri jressqu d-domandi tagħhom dwar dan ir-rapport.

12.5.3 Il-President staqsa jekk ċertu ammont jistax jiġi riservat.

12.5.4 L-accountant qalet kif bħala Reġjun jistà jkun hemm fixed deposit.

12.5.5 **17:50pm – il-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, waslet għal din il-laqgħa.**

12.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri li ammont sostanzjali li jinsab fil-kont huma fondi marbutin li kienu ingħataw lil dan ir-Reġjun mid-Diviżjoni sabiex jiġu mħalsa l-Kunsilli Lokali bl-iskemi li kienu nħarġu.

Is-Sa Galea fakret ukoll li dan ir-Reġjun ser ikollu sentejn impenjattivi bil-*European Region of Sports 2023* u r-Reġjun Kulturali fis-sena 2024.

12.5.7 Dan ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu mill-membri preżenti.

12.5.8 Il-President irringrazzja lis-Sa Perici Ferrante talli kienet preżenti għal din il-laqgħa.

12.5.9 Is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, xtaqet tagħmel intervent dwar meta dan ir-Reġjun ser ikun Reġjun Kulturali.

12.5.10 Il-President informa lill-membri kif dan is-suġġett tqajjem waqt li uħud mill-membri kienu qedin iżuru Barcelona u ser tinġabar l-informazzjoni sabiex dan il-ktieb jsir u jkun lest biex anke jiġi ppreżentat fis-sena meta r-Reġjun ikun r-Reġjun tal-Kultura fis-sena 2024.

12.5.11 Is-Sa Debono Grech għamlet referenza għall-ktieb li kien ġie ppublikat f'isem ir-Reġjun Ċentru, u ssuġġeriet lir-Reġjun għandu jerġa jippublika ktieb ieħor għar-Reġjun Lvant.

12.5.12 Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, issuġerixxa li r-Reġjun jgħażel artist sabiex dak li hemm fir-Reġjun jiġi trasmettit bl-istampi u jkun hemm *captions* qosra dwar dak li hemm. Hu żied jgħid ukoll li r-ritratti ma jkunux biss tal-knejjes imma anke tan-nies li huma parti mill-lokalità.

12.5.13 Is-Sur Anthony Dalli talab sabiex ir-Reġjun l-ewwel jara kemm ser tkun din l-ispiża.

12.5.14 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar dan, kien hemm qbil sabiex jinġabru l-ispejjeż involuti sabiex tinħareġ sejħa u dan il-ktieb jiġi kkunsidrat li jseħħ.

12.5.15 Il-Viċi Sindku tas-Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, issuġġeriet biex il-website uffiċċjali tal-Kunsilli Lokali fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Lvant tkun aċċessata direttament mill-Kunsill Lokali.

12.5.16 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-website uffiċċjali tar-Reġjun diġa qedha *linked* mal-websites uffiċċjali tal-Kunsill Lokali. Pero jekk hemm Kunsill Lokali li m'għandux website uffiċjali, din tmur għall-website tal-Gvern Lokali.

## 12.3 Komunikazzjoni mill-President

- ***Ċerimonja għat-tnedija ta' l-Emblema Uffiċjali Reġjonali u skambju tal-bandiera Reġjun Kulturali***

12.3.1 Il-President irringrazzja lill-membri kollha li kienu preżenti għal din iċ-ċerimonja ġewwa r-Radisson Blu Resort, San Giljan, li nżammet l-Erbgħa 7 ta' Settembru 2022.

- *Irmunkar ta' Vetturi Abbandunati*

12.3.2 Il-President fakkar lill-membri kif fil-laqgħa preċedenti, is-Sindku ta' San Ġiljan, Dott Albert Buttigieg, tkellem dwar l-proċedura nvoluta sabiex tiġi rmunkata vettura li ma tkunx qed tintuża.

12.3.3 Is-Sur Chircop qal li s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun talbet direzzjoni legali mingħand l-avukat tar-Reġjun u dan id-dokument provdut mill-avukat intbagħat għall-attenzjoni tal-membri.

12.3.4 Is-Sur Chircop żied jgħid li l-avukat qed jitlob ħlas apparti dak li hemm fir-retainer fee jekk dan is-suġġett ser ikun diskuss aktar fil-fond.

12.3.5 Is-Sur Chircop qal li tinkwetah fejn l-avukat qed jitlob ukoll sabiex ikun hemm ħlass addizzjonali sabiex jiġi ppreparat kuntratt. Hu spjega kif iħoss li għandu riserva dwar dan peress li dan ix-xogħol iħoss li għandu jkun parti mill-ħlas li diġa qed ikun mħallas kull xahar. Għal din ir-raġuni huwa talab l-opinjoni tal-membri preżenti.

12.3.6 Dott Dorian Sciberras staqsa jekk il-opinjoni legali ser tintuża biex tkun tistà titieħed azzjoni biex tiġi rumnkata il-karozza. Huwa spjega kif qed jgħamel din id-domanda minħabba li l-opinjoni legali, fiha innifsiha, ma tikx id-dritt li tatwa dak li qed jgħidlek imma tipproteġik jekk xi ħadd jieħu azzjoni kontrik. Huz żied jgħid li jkun aħjar jekk wieħed jara wkoll il-pożizzjoni ta' TM x'inhi b'mod ufficcjali biex jekk il-pozizzjoni hija listess bhal dik li hemm fl-opinjoni legali hija listess, wiehed jistà jipproċedi 'l quddiem. Pero jekk din hija differenti ħa jkun hemm *clash* ta' opinjonali legali u ma jkunx hemm bżonn li jinħarġu aktar flejjes fuq dan.

12.3.7 Il-President fakkar lill-membri li l-laqgħa li kellha tinżamm mal-Brigadier Curmi ser tinżamm nhar il-Ħamis 20 ta' Ottubru 2022 u ssuġġerixxa li dan is-suġġett għandu jiġi mqajjem ukoll waqt din il-laqgħa.

12.3.8 Is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa. Joanne Debono Grech, spjegat li meta l-Kunsill qed jirrapporta dawn it-tip ta' vetturi, qed jinfurmawhom li dawn il-vetturi m'għandhomx fejn jitpoġġew.

12.3.9 Is-Sur Chircop spjega kif iktar u iktar wieħed għandu jara x'qed jiġi obligat sabiex naraw li kulħadd qed jerfa r-reponsabilità u għal din ir-raġuni din għandha tiġi diskussa fil-laqgħa mal-Brigadier Curmi.

12.3.10 Il-President qal ukoll kif f'din il-laqgħa ser titressaq ukoll is-sit li hemm f'Pembroke peress li fil-preżent din il-binja taqa taħt TM. Jekk dan ir-Reġjun jibqgħa bla risposta, dan ir-Reġjun għandu jesplora it-tini sit ġewwa Pembroke.

12.3.11 Il-President qal lill-membri li jekk kien hemm xi ħadd mill-membri li xtaq jattendi għal din il-laqgħa li ser tinżamm mal-Brigadier Curmi, għandhom jinfurmawna b'mod immedjat.

12.3.12 Is-Sur Omar Elaref Arab talab lill-President sabiex fil-laqgħa mal-Brigadier Curmi jinfurmhom li preżentament din il-binja mill-Arriva sa llum qatt ma ġiet użata u Sadanittant il-binja qed tidditerjora. Kien hemm wegħda pubblika li dan l-arloġġ kellu jiġi tranġat minn TM pero sa llum dan ma seħħx u qed ikun hemm diversi abbużi tad-droga.

12.3.13 Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex għal din il-laqgħa jkunu preżenti biss il-President tar-Reġjun flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

- ***Żjara ġewwa Barċelona***

12.3.14 Il-President informa lill-membri dwar din iż-żjara li nżammet bejn nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2022 sal-Ġimgħa 7 ta' Ottubru 2022 fejn id-delegazzjoni, komposta mis-Sur Max Zammit, Anthony Dalli, John Pillow, Margaret Baldacchino Cefai, flimkien miegħu bħala President u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, kienu preżenti. Is-Sur Chircop qal kif kellu jkun preżenti s-Sur Conrad Borg Manche pero ftit granet qabel kellu jikkancella.

12.3.15 Il-President qal kif hu isorprenda ruħu għal programm li kien hemm meta dan il-programm kien sar fi ftit żmien qabel ma nżammet din iż-żjara. Hu żied jgħid kif din id-delegazzjoni żar lokalitajiet li għandhom ftit eluf ta' residenti u oħrajn li għandhom ammont sostazjali.

- *Żjara ġewwa Brussel*

12.3.16 Il-President għamel referenza għal din iż-żjara fejn f'isem dan ir-Reġjun kien hemm preżenti is-Sa. Margaret Baldacchino Cefai, is-Sur Omar Elaref Arab, is-Sur John Mizzi, is-Sa Yvonne Bartolo, is-Sur David Muscat, is-Sur Paul Fenech, kif ukoll hu bħala President.

12.3.17 Is-Sur Chircop esprima dispjaċir wieħed minħabba li ċertu laqgħat li għadhom dawn il-membri talbu biex jattendu, kollha kienet mimlija, pero umbad dakinhar kien hemm ħafna spazzju.

- *Żjara ġewwa t-Turkija*

12.3.18 Il-President għamel referenza għal din iż-żjara li nżammet bejn l-12 ta' Ottubru 2022 u s-17 ta' Ottubru 2022 fejn f'isem dan ir-Reġjun kienu preżenti s-Sur Max Zammit, Dott. Dorian Sciberras, Jeanette Galea u Andrea Borg Brincat.

12.3.19 Il-President xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-membri fuq l-opportunitajiet ta' safar li qed ikun hemm dan l-aħħar. Hu spjega kif bħala Reġjun jemmen li kulħadd għandu jkollu opportunità għal dawn l-okkazzjonijiet pero kulħadd għandu jkun responsabbli għall-*commitment* li jkun qiegħed isir.

12.3.20 Is-Sur Chircop spjega kif dan ir-Reġjun ma jistax joqgħod ibbiddel jew jikkanċella wara li jkunu saru l-preparamenti kif ukoll il-pagamenti neċessarji u dawn m'għandhomx jiġu mħalsin mir-Reġjun. Għal din r-raġuni dawn in-nies ikollhom iħalsu l-pagamenti neċessarji.

- *Tnedija tal-proġett regjonali bolol*

12.3.21 Il-President fakkar lill-membri dwar din it-tnedija li ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru 2022, f'nofsinhar ġewwa l-Malta Postal Museum, il-Belt Valletta. Is-Sur Chircop informa lill-membri li ser ikunu preżenti l-Onor. Alison Zerafa Civelli, kif ukoll l-Onor. Darren Carabott.

12.3.22 Is-Sur Chircop ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu peress li ser ikun hemm ukoll preżentazzjoni kopja tal-pittura oriġinali lil kull Kunsill Lokali.

## 12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

11.4.1 Il-President informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa.

## 12.6 Sejħa Pubblika Reġjonali għal Ġbir ta' l-Iskart Domestiku

12.6.1 Il-President informa lill-membri kif is-Segretarji Eżekuttiv talbet għal aġġornament mingħand is-Segretajru Eżekuttiv li qedha fuq dan il-bord f'isem dan ir-Reġjun, u ġiet infurmata li r-rapport ta' l-evalwazzjoni ġie ppublikat l-bieraħ.

12.6.2 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li hu kellu fejn għaliha kien hemm preżenti wkoll l-Onor. Zerafa Civelli kif ukoll il-Presidenti tal-Kunsilli Reġjonali u l-President ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava, u d-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, is-Sur Natalino Attard.

12.6.3 Is-Sur Chircop spjega kif din il-laqgħa kienet dwar din is-sejħa peress li r-Reġjun ħadu ħsieb li tinħareġ is-sejħa pero talbu għall-għajnuna meta dan il-kuntratt jidħol fis-seħ, speċjalment meta l-kampanja edukattiva għadha ma bdietx.

12.6.4 Hu spjega kif konklużjoni ta' din il-laqgħa, li nżammet madwar tliet ġimgħat qabel din il-laqgħa, kienet li għandhu jibda kollox.

## 12.7 Vakanza għal Deputat Reġistratur u għal Clerk

- *Deputat Reġistratur*

12.7.1 Il-President informa lill-membri kif din il-pożizzjoni ġiet mimlija u l-persuna magħżula bdiet taħdem fi ħdan ir-Reġjun minn nhar it-Tlieta 20 ta' Settembru 2022.

- *Clerk*

12.7.2 Il-President informa lill-membri kif nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 2022, il-bord iltaqà sabiex jgħamel l-intervisti ma' dawk l-applikanti li kienu eleġibbli. Il-bord kien kompost minni flimkien mas-Sur Noel Muscat, is-Sur Max Zammit (minflok is-Sur Conrad Borg Manche), il-President kif ukoll is-Segretarji Eżekuttiv.

12.7.3 Il-President spjega kif dan il-bord qed jirrakomanda li l-persuna magħżulha għandha tkun is-Sa Denise Chappell. Jekk din il-persuna ma tilqax din il-pożizzjoni, il-bord issuġerixxa li għandhom jiġu avviċinati skond din l-ordina:
2. is-Sur Noel Pace
3. is-Sur Albert Gatt
4. is-Sa Sharon Bajada Stride.

12.7.4 Il-membri preżenti approvaw l-għażla ta' dan il-bord.

- *Uffiċjali Reġjonali*

12.7.5 Il-President informa lill-membri preżenti dwar komunikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva nhar it-Tnejn 29 ta' Awwissu 2022 mingħand is-Sur Simon Agius dwar kandidati eleġibbli għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal responsabbli mill-Proġetti.

12.7.6 Is-Sur Chircop spjega kif b'kollox kien hemm żewġ kandidati. Wieħed minn dawn il-kandidati kien diġa ġie ntervistat fl-aħħar sejħa u ma kienx seta jaċċetta l-pożizzjoni minħabba raġunijiet personali. Għal din ir-raġuni saret intervista waħda ma' l-unika applikant. Il-bord ikkunIS-Sur Kurt Camilleri beda l-ħidma tiegħu nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2022.

12.7.7 Is-Sa Maryanne Abela talbet kif dan ser ikun qed jaħdem mal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

12.7.8 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat l-irwol tiegħu u kif ser ikun qed jgħati s-sapport neċessarju fuq il-proġetti li jkunu għaddejin mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

- *Uffiċjali Reġjonali*

12.7.9 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar it-Tnejn 29 ta' Awwissu 2022 dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mingħand is-Sur Simon Agius dwar kandidati eleġibbli għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal responsabbli mill-Proġetti. B'kollox hemm żewġ kandidati. Wieħed minn dawn il-kandidati kien diġa ġie ntervistat fl-aħħar sejħa u ma kienx seta jaċċetta l-pożizzjoni minħabba raġunijiet personali. Għal din ir-raġuni s-Sa Galea talbet jekk dik il-problema kienitx għadha preżenti sabiex dan ikun jistà jerġa jiġi kkunsidrat.

12.7.10 Is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, staqsiet dwar kemm qed jiġu mħalsin dawn il-Maniġers u spjegat kif hi ma taqbilx li dawn il-pożizzjonijiet huma ta' l-istess salarju daqs dak tas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun u jekk hux dan qed jiġi mħallas mir-Reġjun.

12.7.11 Il-President spjega kif is-sitwazzjoni ta' dawn il-maniġers fil-preżent.

12.7.12 Il-membri preżenti approvaw ir-rakkomandazzjoni tal-bord.

## 12.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega.

- *Allokazzjoni Finanzjarja*

12.8.1 Il-President informa lill-membri li din l-allokazzjoni bl-ammont ta' €145,833.00 kienet daħlet il-kont bankarju tar-Reġjun nhar it-Tnejn 3 t'Ottubru 2022

- *Move for October*

12.8.2 B'referenza għal dan l-avveniment, il-President informa lill-membri kif dan il-Kunsill Reġjonali qiegħed jagħmel il-preparamenti neċessarji sabiex jorganizza dan l-avveniment għal dawk in-nisa kollha fi ħdan ir-Reġjun – Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi, Impjegati.

12.8.3 Huwa talba sabiex jattendu u jħeġġu lill-kumplament tan-nies fi ħdan il-Kunsilli sabiex jipparteċipaw.

- *Servizz ta' Mechanical Engineer*

12.8.4 B'referenza għas-sejħa għal dan is-servizz, il-President informa kif din kienet ġiet magħluqa nhar it-Tnejn 26 September 2022 u l-bord ta' levalwaturi ser jiltaqgħu nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2022 sabiex jevalwaw l-offerti. Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Nudging Active Travel*

12.8.5 Il-President informa lill-membri dwar komunikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva nhar it-Tnejn 29 ta' Awwissu 2022 mingħand Profs Maria Attard dwar dan il-proġett.

12.8.6 Is-Sur Chircop spjega kif ser jinżamm it-tielet u l-aħħar *workshop* fuq il-campus ta' l-Università ta' Malta nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru 2022 għal 5 ta' filgħaxija u ħeġġeġ lill-membri sabiex jieħdu nota dwar dan u jkunu preżenti.

- *Association of Cities and Regions for sustainable Resource management*

12.8.7 Il-President informa lill-membri kif bħala membri ġodda fil-ACR+ dan l-uffiċċju rċieva komunikazzjoni nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2022 dwar 'Ecomondo – The Green Technology Expo' li ser tinżamm bejn it-8 ta' Novembru 2022 sal-11 ta' Novembru 2022 ġewwa Rimini.

12.8.8 Is-Sur Chircop spjega kif għal din ir-raġuni r-Reġjun talab aktar informazzjoni u ġejna nfurmati li l-ispejjeż involuti huma l-biljetti tat-titjir biss. Għal din ir-raġuni ser ikunu qed jattendu dan l-Expo is-Seregtarju Eżekuttiv flimkien mal-Maniġer ta' l-Ambjent, is-Sa. Andrea Borg Brincat.

- *Fondi - Proġetti fil- Fondi - Proġetti fil-komunitajiet (Proġetti 2023)*

12.8.9 Il-President informa lill-membri kif dan ir-Reġjun ser jerġa jissottometti l-applikazzjoni sabiex dan ir-Reġjun jibbenifika minn dawn il-fondi u ssir *mobile library* fir-Reġjun.

- *Cir AKL 2022/087 Progett - 30 Anniversarju Gvern Lokali*

12.8.10 B'referenz għal din iċ-ċirkulari, il-President fakkar lill-membri sabiex kull lokalità tindika xi ħaga sinonima mal-lokalu tgħati din l-informazzjoni sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 24 ta; Ottubru 2022.

- *Memorandum ta' Ftehim dwar iż-żamma tal-ħaxix selvaġġ fil-passaġġi rurali*

12.8.11 Il-President informa lill-membri dwar dan id-dokument li dan ir-Regjun kien irċieva nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru 2022.

12.8.12 Is-Sur Chircop spjega kif fost ir-Reġjuni, dan ir-Reġjun huwa l-aktar ammont ta' Kunsilli Lokali li daħlu f'din l-iskema. Madanakollu hu esprima li jemmen fl-indipendenza tal-Kunsilli. Kif jidher id-draft il ħsieb huwa mmirat bħala Reġjun.

12.8.13 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, qal kif hu ma jaqbilx li din għandha tkun iffirmata f'isem ir-Reġjun imma għandha tkun iffirmata direttament mal-lokalitajiet rispettivi. Is-Sur Dalli spjega kif hu għandu problema dwar dan il-ħaxix f'toroq dojoq rurali fejn jgħaddu minnhom karozzi u jispiċċaw bil-ġnub migruf.

12.8.14 *18:52pm - Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

12.8.15 Is-Sa Maryanne Abela qajment il-problema kbira li qed ikun hawn dwar il-hornets u kif hi ġie avviċinata minn xi ħadd li dawn il-hornets mhumiex verament periklożi. Hi talbet sabiex tkun preżenti jekk ir-Reġjun ikollu laqgħa relata ma dan.

12.8.16 Il-President qal kif bħala Reġjun jemmen f'din l-inizjattiva pero issuġġerixxa sabiex tinżamm laqgħa dwar dan mal-persuna kkonċernata, s-Sur Buttigieg, u wara tittieħed deċiżjoni.

- *Koordinament għall-European Region of Sports 2023*

12.8.17 Il-President fakkar lill-membri fil-preparamenti li qed isiru b'rabta mat-titlu 'European Region of Sports 2023' u kif dan ir-Reġjun talab kwotazzjonijiet sabiex isir xogħol ta' koordinament biex isiru l-preparamenti meħtieġa għal kull avveniment li ser jinżamm matul is-sena 2023.

12.8.18 Il-membri preżenti approvaw l-kwotazzjoni li kienet ppreżentata mis-Sur Michael Fenech Adami u għal din ir-raġuni għandha tissejjaħ laqgħa b'mod urġenti sabiex ikun jistà jikkoordina mill-aktar fis possibli.

12.8.19 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

12.8.20 Il-president fakkar li l-bord għal dan huwa kompost mill-President, s-Sa Margaret Baldacchino Cefai, is-Sur Max Zammit, u s-Sur Conrad Borg Manche.

12.8.21 Kien hemm diskussjoni bejn il-membri preżenti u ġie deċiż li fuq dan il-bord ser ikun hemm preżenti wkoll is-Sur John Pillow u s-Sur Omar Elaref Arab.

- *Malta Digital Innovation Authority – Innovative Technology in Local Communities Scheme*

12.8.22 B'referenza għal komunikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva dwar dan, il-President informa lill-membri kif inzammet laqgħa ta' informazzjoni nhar it-Tnejn 17 ta' Ottubru 2022 ġewwa The Embassy Hotel. L-applikazzjonijiet għandhom jaslu sa' l-4 ta' Novembru 2022.

12.8.23 Is-Sur Chircop spjega kif għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-Waste Manager, Ryan Zammit, u l-Projects Manager, Kurt Camilleri.

12.8.24 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat aħjar x'kien intqal f'din il-laqgħa u spjegat kif Kunsill Lokali seta japplika waħdu jew inkella setgħet issir applikazzjoni bħala Reġjun.

12.8.25 Wara diskussjoni li nżammet bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex ir-Reġjun iġib informazzjoni dwar sistemi ta' kif wieħed jistà jkejjel livelli ta' ħoss, li jkun jistà jimxi minn lokalità għall-oħra skond in-neċessita. Għażla oħra tistà tkun li r-Reġjun jixtri smart bin – wieħed għal kull lokalità – sabiex jitpoġġa f'post prominenti fil-lokalità.

- *ACES Europe*

12.8.26 Il-President informa lill membri dwar invit li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand ACES Europe sabiex rappreżentanti mir-Reġjun ikunu preżenti għal *Annual Awards Gala* li ser tinzamm nhar it-Tlieta 6 ta' Diċembru fil-17hrs ġewwa il-Parlament ta' l-Ewropa, fi Brussel.

12.8.27 Il-President spjega kif għal din l-okkazzjoni jistgħu jattendu sa mhux aktar minn ħames persuni. Għal din l-okkazzjoni dan ir-Reġjun qed jiġi mitlub li jibgħat filmat qasir, ta mhux aktar minn 3 minuti sabiex dan jintewera waqt li tkun qed issir din il-prezentazzjoni.

12.8.28 Kien hemm qbil sabiex il-President flimkien mas-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, kif ukoll is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, ikunu preżenti għal din is-serata.

12.8.29 ***19:15 pm- Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Antony Dalli, talab sabiex jiġi skużat mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

- *EURO-MED CALL*

12.8.30 Il-President informa lill-membri dwar komunikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand Profs Maria Attard sabiex titlob lir-Regjun jkun parti minn applikazzjoni li l-Univeristà tixtieq tapplika għaliha – Proġett bl-isem - Mobility Hubs towards Greener Mediterranean Touristic Areas.

12.8.31 Is-Sur Chircop spjega kif l-Universitá ser tingħaqad bħala sieħba fil-progett u kif din is-sejħa mhux ser tkun qed titlob lir-Reġjun biex joħroġ finanzi u mhux ser ikun qed jibbenefika minn fondi. Ir-rwol huwa

pjuttost ta' konsulenza, ta' appoġġ u ta' riċevitur tar-riżultati tal-proġett u jkun hemm opportunità li r-Reġjun ikun mistieden għal-laqgħat u jekk ikun hemm xi spejjeż, allura l-Università tħallashom.

12.8.32 Il-membri ma sabu l-ebda oġġeżżjoni dwar dan u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tiffirma dan il-ftehim.

12.8.33 ***19:23pm - Is- Sindku ta' Iklin, Dott. Dorian Schiberras u s-Sindku ta' Gharghur, is-Sa Helen Gauci talabu sabiex jiġu skużati mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

- *Horizon Europe – CrAFt Cities Eastern and Port Regions*

12.8.34 Il-President informa lill-membri kif dan ir-Reġjun kien irċieva emejl mingħand is-Sur Fabian Borg dwar kien din l-applikazzjoni kienet ġiet milquha. Aktar informazzjoni ser tingħata aktar 'il quddiem.

- *Kwotazzjonijiet*

12.8.35 Il-President ressaq fuq il-mejda dversi kwotazzjonijiet fosthom sabiex ikun hemm Sistema ta' sound fl-avveniment sportive – Regional Sports Day, li ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 18 ta' Novembru 2022.

12.8.36 Il-membri approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta minn TEC – The Events Company.

12.8.37 Il-President ressaq ukoll kwotazzjonijiet sabiex jingħata servizz ta' transport lill-istudenti li ser ikunu qed jipparteċipaw f'din l-isports day.

12.8.38 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta minn Koptaco.

12.8.39 Il-president ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet miġbura sabiex l-istudenti jingħata flokkijiet għal dan l-avveniment bil-kuluri tar-Reġjun – aħmar, isfar u blu.

12.8.40 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta minn Tree64.

12.8.41 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw biros bl-emblema tar-Reġjun u li huma magħmulin b'materjal sostennibli.

12.8.42 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta minn Mompalao.

12.8.43 ***19:30pm – Il-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa. Maryanne Abela, talbet sabiex tiġi skużata mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

- *Rapporti tal-Maniġers Reġjonali*

12.8.44 Il-President ressaq fuq il-mejda żewġ rapporti li kienu ġew ippreparata mill-Uffiċjali Maniġerjali, Andrea Borg Brincat u Ryan Zammit. Liema rapporti kienu ġew iċċirkulati mal-membri qabel din il-laqgħa.

12.8.45 Is-Sur Chircop qal li b'dispjaċir irrid jinnota li meta kien hemm opportunità sabiex jattendi għaliha s-Sur Zammit, hu kien iddeċieda li ma jattendix mingħajr ma ġiet mgħotija l-ebda raġuni li tistà tiġi kkunsidrata.

12.8.46 Il-membri approvaw dawn ir-rapporti u l-kummenti li ġew diskussa waqt din il-laqgħa għandhom ikunu mniżżla fil-kummenti tar-rapport.

- *Tender fuq l-AEDs*

12.8.47 B'referenza għal din is-sejħa li kienet inħarġet mill-AKL, il-President qal kif din is-sejħa ser terġa tinħareġ minħabba l-ebda *bidder* ma kien strettament konformi mal-ispecifikazzjonijiet tas-sejħa u għal din ir-raġuni t-tender ġie ikkanċellat.

12.8.48 Is-Sur Chircop spjega kif aġġornament dwar dan jingħata aktar 'il quddiem.

- *Proċess ta' konsultazzjoni ghall-istrateġija*

12.8.49 Il-President informa lill-membri dwar komunikazzjoni li hu kien irċieva nhar il-Ħamis 15 ta' Settembru 2022 dwar din il-konsultazzjoni u kif dan ir-Reġjun għadda l-ismijiet ta' dawk li huma interessati li jattendu għal din il-laqgha li ser tinzamm nhar l-Erbgħa 9 ta' Novembru 2022 fis-sala tal-Kunsill Lokali Swieqi.

12.8.50 Is-Sur Chircop żied jgħid kif ir-Reġjun qed jigi miltub ukoll jibgħat lista numerata konsolidata minn kull Kunsill regjonali rispettiv li tkun tinkludi l-interventi li hemm bżonn li jiġu ndirizzati lill-Onor. Segretarju Parlamentari. Għal din ir-raġuni huwa talab il-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

- *Kunsill Lokali Ħal Lija*

12.8.51 Il-President ressaq fuq il-mejda talba sabiex dan il-Kunsill ikun jistà jorganizza attività fil-pjazza tar-raħal - END OF SUMMER FAMILY FESTIVAL, fejn se jammonta għal €4,500. Qed jitobu biex l-ispiza ta' din l-attività tittieħed mill-Fondi ta' Proġett Kulturali, Sports, Mużikali.

12.8.52 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali ta' Għargħur*

12.8.53 Il-President ressaq fuq il-mejda talba sabiex dan il-Kunsill jixtru żewġ bandalori lill-paroċċa tal-Għargħur li tammonta għal €400; jinxtara ħadid lill-għaqda tan-nar għall-ammont ta' €428.71; jinxtara u jiġi mwaħħal air conditioner f'Soċjeta Filarmonika San Bartilmew għall-ammont ta' €400; u titpoġġa lasta ġdida fil-football club għall-prezz ta' €446.52.

12.8.54 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali ta' Pembroke*

12.8.55 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex mill-fondi ikopri l-attività annwali Halloween tat-tfal li tinżamm b'risq Puttinu. Huwa stmat li din ser tiġi tiswa madwar €3,800 fejn ikun qed ikopri l-ispejjeż relatata ma' xiri ta' *cup cakes* biex jitqassmu lit-tfal, servizz ta' Pulizija, kiri ta' crowd bariers, kiri ta' mobile toilets, kiri ta' ambulanza, assikurazzjoni, fost oħrajn.

12.8.56 Il-President ressaq fuq il-mejda talba oħra f'isem dan il-Kunsill sabiex jitolbu li jsir tiżjin bid-dawl fi żmien il-Milied fi Triq Normandy, Triq Alamein, iż-żona magħrufa bħala ta' San Patrizju, parti minn Triq ANZAC u madwar Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta. L-ispiża hija stmata li ser tkun madwar €4,944.20.

12.8.57 Il-membri preżenti approvaw din it-talbab'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali ta' Sliema*

12.8.58 L-President ressaq fuq il-mejda talba f'isem dan il-Kunsill sabiex jinżammu diversi proġetti b'kollaborazzjoni ma' l-għaqdiet fil-lokalità - u mis Salesians Brigade u l Holy Trinity church. Progetti kulturali, sports, muzika, Jum il-Lokal u Baned. Kazin banda u kummisjoni Armar - Stella maris €2,000, Kazin banda u kummisjoni Armar - Sacro Cuor. €2,000, Każin banda u Kummissjoni Armar - Balluta. €2,000 u Kazin banda u kummisjoni Armar - San Girgor €2,000; Knisja Gesu Nazzarenu Festa liturġika - €1,000; Sliema nursery €1,500, Sliema Waterpolo Club €1,000, Exiles Waterpolo €1,000; Sliema Hockey €1,000; Sliema Scouts €1,000; u Atturi Zgħazagħ Slimiżi €500.

12.8.59 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

12.8.60 Dan il-Kunsill informa lir-Reġjun li qed isiru diversi bankini madwar il-lokalità u għal din ir-raġuni qed jitlob rimborż bħala proġetti ta' titjib fil-lokalità.

12.8.61 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

12.8.62 Dan il-Kunsill informa lir-Reġjun li ser ikun hemm diversi toroq li ser ikunu qed jiġu mżejna fi żmien il-milied u għal din ir-raġuni qed jitlob rimborż għal dan it-tiżjin.

12.8.63 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

12.8.61 *19:46pm- Is-Sindku tal-Pieta, is-Sa. Zoya Attard, talabet sabiex tiġi skużata mill-laqgħa minħabba impenji oħra.*

## 12.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

12.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

12.9.2 Il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, sekondat mis- Sindku tas-Sliema, is-Sur John Pillow ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 10A u 10B.

12.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 12.10 Mozzjonijiet

12.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 12.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

12.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-20:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 22 ta' Novembru 2022.

Konfermati, illum it-Tlieta 22 ta' Novembru, 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |